A.L. 61 ta' l-1988

ORDINANZA DWAR IL-LOTTU PUBBLIKU (KAP. 70)

Regolamenti ta' l-1988 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Lottu (Emenda Nru. 2)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 5 ta' l-Ordinanza dwar il-Lottu Pubbliku, il-Ministru tal-Finanzi għamel ir-regolamenti li ġejjin:—

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1988 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Lottu (Emenda Nru. 2), u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti tal-Lottu, 1948, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali". G.N. 222 ta' l-1948.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jitqiesu li bdew iseħħu fis-16 ta' Lulju, 1988.

Jemenda r-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali.

2. Minflok il-paragrafu (1) tar-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(1) Meta l-valur totali tal-premjijiet f'estrazzjoni jkun jeċċedi mija u tmenin elf lira Maltija (Lm180,000) jew il-valur totali tal-ġugati għal estrazzjoni partikolari, liema jkun l-inqas, l-ammont ta' kull premju jitnaqqas proporzjonalment hekk illi l-valur totali tal-premjijiet ma jkunx jeċċedi dak il-limitu:

Iżda, l-ammont ta' Lm180,000 jew il-valur totali tal-ġugati għal estrazzjoni partikolari, kif ikun il-każ, jista' jkun in eċċess b'mhux aktar minn 20 fil-mija jekk il-Ministru responsabbli għall-finanzi jkun sodisfatt illi dak l-eċċess ikun ġustifikat minħabba li t-tnaqqis fil-ħlas tal-premjijiet, li ma kienx għal dan il-proviso, kien ikun ammont żgħir ħafna, u li l-ħtiġiet amministrattivi jkunu jiġġustifikaw dak l-eċċess.".